# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002.**

**Kawza Numru: 12**

**Citaz. Nru. 1954/00GV**

Doc. 191-02

**Air Malta p.l.c**

**vs**

**Via Holidays and Travel Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permess taghha gie premess illi s-socjeta' attrici kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta biljetti tal-ajru u *worldspan charges* ghal liema l-istess socjeta' konvenuta baqalha thallas s-somma ta' tliet elef, mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm3,255.83).
Premess illi *nonostante* li giet interpellata anke ufficjalment l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tiddecidi dwar it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u procedura Civili.

**2.** konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef, mitejn u hamsa u hamsin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmi (Lm3,255.83) bilanc ta' somma akbar prezz ta' biljetti ta' l-ajru u *worldspan charges* lilha mibjugha u kkonsenjati.

Bl-interessi w bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2000 kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 9 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-att ta' citazzjoni tas-socjeta' attrici hija monka stante li ma tinkorporax talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-ammont dovut u *di piu* mhux premess illi huwa cert, likwidu u dovut u kwindi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkundana parti ghal hlas ta' ammont li ghalih m'hiex mitluba li tiddikjarha responsabbli, partikolarment meta lanqas ma gie premess li gew mibjugha jew provveduti xi oggetti/servizzi. Ghalhekk il-proceduri ntavolati mis-socjeta' attrici huma nulli u bla effett ghal-finijiet tal-ligi w s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa preskritt ai termini tal-artikoli 2148 u/jew 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta' attrici nkwantu tirreferi ghal konsenja (stante li l-anqas ma ppremettiet li gew mibjugha) ta' biljetti ta' l-ajru, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex bilanc dovut dwar dan mas-socjeta' attrici.

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu dak l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghas-servizzi ta' *worldspan*, dan ukoll mhux dovut stante li l-ghodda mikrija mis-socjeta' attrici kienu difettuzi, inoperattivi, u ghalhekk ma setghawx jintuzaw ghall-iskop li ghalihom gew forniti; inoltre s-socjeta' konvenuta qatt ma talbet ghall-fornitura ta' dawn is--servizzi u hwejjeg mobbli.

5. Illi s-socjeta' konvenuta soffriet danni, kif jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, minhabba d-difetti fil-makkinarju provdut mis-socjeta' attrici w ghalhekk hemm lok ghal proceduri ta' rikonvenzjoni da parti ta' l-eccipjenti ii jirrizervaw li jghamlu dan fi stadju ulterjuri.

6. Illi s-socjeta' attrici pprezentat l-ittra fficjali taghha ghall-interpellazzjoni tal-hlas fit-18 ta' Settembru, 2000 u l-att tac-citazzjoni fil-25 ta' Settembru, 2000 izda s-socjeta' konvenuta ma kientx notifikata bl-ittra fficjali msemmija fil-frattemp u ghalhekk l-azzjoni hija ntempestiva u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri setghaw gew evitati u fi kwalunkwe ezitu taghhom, l-ispejjes m'ghandhomx jigu mhallsa mis-socjeta' konvenuta.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu lil dina l-Qorti

1 tiddeciedi dwar it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 *et seq* tal Kap. 12;

2 konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,255.83 bilanc ta' somma akbar prezz ta' biljetti ta' l-ajru u *worldspan charges* lilha mibjugha u kkonsenjati;

**PROVI**

**Arthur Micallef** prodott mill-atturi pprezenta *statement* ta' l-ammont ghall-biljetterija dovut mill-konvenuti (fol. 17 u 23). Il-konvenuti kellhom problema ta' *cashflow* u biex jghinuhom kienu accettaw talba taghhom f'April, 1998 (fol. 19) fejn huma ppropanew *repayment scheme* tal-bilanc li fadal. Huma bdew jaghmlu pagamenti *on account*. Imbaghad f'Awissu waqfu u hu kien ghamel fax (fol. 20) lil Peter Micallef fejn qallu biex izid fil-pagamenti ghax inkella l-bilanc ma kienx ser jithallas. F'Jannar irceva risposta minghand Micallef fejn rega' semmilu l-problemi

finanzjarji li kellhom Dok. fol. 22 Wara Novembru, 1999 ma saru ebda pagamenti ohra (fol. 18). Kien hemm ukoll *charges* ghall *time span* cioe' renta tal-*computer system bookings*. Il-konvenuti kienu talbuhom biex iwaqqfu dina s-sistema fi f'Frar, 2000 (fol. 24).

**Peter Micallef** xehed li hu kien sar direttur tal-kumpanija Via Holidays fil-10 ta' April, 1996 (fol. 28) u b'riferenza ghall ftehim tat-13 ta' April, 1998 hu kien ftiehem ma' l'Air Malta li ser ihallas biss akkont ta' pagamenti kurrenti u mhux akkont ta' l-arretrati. Ma' l'Air Malta hu tkellem biss dwar hlas ta' servizzi li skadew wara li hu nhatar direttur u mhux qabel. Is-servizzi kienu jikkoncernaw kera ta' *equipment* konsistenti f'komputer *monitor u printer* li matul l'1998 dan l-*equipment* ma hadem kwazi xejn u l-Air Malta kienu irtirawh. Hu qatt ma ffirma kuntratt ma' l-Air Malta ghal dawn is-servizzi. In Kontroezami wiegeb li meta offra li jhallas Lm100 fix-xahar hu ma kienx ra kontijiet f'dak l-istadju.

**Boika Mihailova** xehdet li hadmet ma Via Holidays minn 1995 u kienet tmexxi l-ufficju taghhom. Kienu jaghmlu *flight reservations* mill-Air Malta maghrufa bhala *worldspan*. Fin-1998 il-*wordspan* ma kienx qed jahdem imbaghad tnehha minn hemm. Il-biljetti bdew jinhargu manwalment u rizervati mill Balkan Bulgarian Airways *computer*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kwantu ghall l-ewwel zewg eccezzjonijiet il-Qorti tirrileva li l-konvenuti ma nsistewx fuqhom u ma ngabu ebda provi u dawn l-eccezzjonijiet ma gewx trattati.

Ghal kull *buon fini* l-Qorti tirrileva li l-kawza bdiet bhala wahda ta' giljottina u d-dikjarazzjoni li talvolta tkun mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi

tieghu ma hemmx bzonn li issir fic-citazzjoni taht forma ta' domandi - ara Vol. XXX111-1-666; Vol. XLC p. 690.

Kwantu ghat-tieni eccezzjoni dwar preskrizzjoni, apparti li hemm accettazzjoni da parti tal-konvenuti, (kif ser jigi pruvat) mill-eccezzjoni tal-konvenuti ma jirrizultax liema artikolu tal-ligi huma qeghdin jirreferu. Kif kienet sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta' Mejju, 1956 fl-ismijiet R. Cali vs Perit G. Galea Vol. XL p.1 p.166 jekk l-eccipjent ma jispecifikahx liema preskrizzjoni qed jinvoka l-Qorti ma tistax tikkonsidraha. Ghax il-Qorti tkun qed tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva. Il-Qorti f'dak il-kaz kienet qed tirreferi ghal eccezzjoni alternativa.

Il-konvenuti gabu provi u ttrattaw it-tielet u r-raba’ ccezzjoni li jolqtu l-mertu tat-talba ta’ l-atturi.

L-atturi esebew korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet u partikolarment ittri mibghuta minn Peter Micallef direttur tas-socjeta’ konvenuta fejn accetta li l-kumpanija ghandha thallas lill-atturi, fejn talab *scheme of repayment* li gie accettat mis-socjeta’ attrici. Mill-istess korrispondenza jirrizulta li l-konvenuti mbaghad waqfu milli jkomplu jhallsu kif kienu ftehemu, minhabba problemi finanzjarji.

Peter Micallef spjega li ma’ l’Air Malta hu tkellem biss dwar hlas ta’ servizzi li skadew wara li hu nhatar direttur f’April, 1996 u mhux qabel. Inoltre meta offra li jhallas Lm100 fix-xahar hu ma kienx ra kontijiet f’dak l-istadju.

Dwar dina s-sottomissjoni, Arthur Micallef xehed li huma kienu jibghatu regolarment ***statements*** ta’ l-ammont dovut mill-konvenuti. Fl-ittri li baghat Peter Micallef ma hemm ebda riserva jew indikazzjoni li hu kien qed ihallas ghall-certi

servizzi resi u mhux ghall-ohrajn. Inoltre jekk Micallef ma kienx ra l-kontijiet ta' qabel, dan ma kienx tort ta' l-atturi imma tieghu biss.

Kwantu ghal servizz tal-*worldspan* Peter Micallef qal li dana s-servizzi kien jikkoncerna kera ta' equipment konsistenti f'komputer, *monitor u printer* li matul il-1998 ma hadem kwazi xejn u l-Air Malta kienu irtirawh. Hu qatt ma ffirma kuntratt ma' l-Air Malta ghal dawn is-servizzi.

Dwar dina s-sottomissjoni l-Qorti tirrileva li l-apparat kien ghand il-konvenuti u hadmu bih u ma jirrizultax li huma lmentaw ma' l-atturi li dana kien difettuz. It-talba taghhom fl-ittra a fol. 24 ma ssemmiex specifikatament ir-raguni ghaliex riedu li l-appart jitnehha jew li dana kien difettuz.

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi pevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' it-tieni talba attrici;

bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**